MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 538/2008/1

**Vincent Camilleri (ID 957348M) u martu Dolores *sive* Doris Camilleri (ID 559252 M).**

**vs.**

**Joseph Mercieca (ID 453254M) u martu Josephine Mercieca (ID 95156M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-8 ta' Novembru 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal**,*

*Ra l-Avviz tal-atturi li talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tnax-il ewro u disa' u tletin centezmu (€612.39), rapprezentanti kumpens ghall-appogg tal-hajt in komun li jissepara r-*

*residenza tal-konvenuti u r-residenza tal-atturi u dan skont rapport redatt mill-Perit AIC Etienne Magri fis-27 ta' Frar 2008.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew illi l-ewwelnett u qabel kollox, l-atturi m'ghandhomx interess guridiku biex jaghmlu dina l-kawza peress illi fil-kuntratt tal-akkwist taghhom , il-venditur irrizerva ghalih id-dritt tal-appoggi.*

*Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-parti sostanzjali tal-appoggi kienu nbnew mill-persuni li minghandhom xtraw il-konvenuti u mhux mill-atturi.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici huma preskritti stante illi l-appogg ilu jigi prattikat ghal aktar minn hames snin.*

*Illi, subordinatament, u minghajr pregudizzju l-hlas reklamat mill-atturi mhux dovut.*

*Ra x-xhieda ta' Dolores Camilleri, li kienet xtrat il-proprjeta'* ***24, Ambrosiana, Triq id-29 ta' Mejju, 1592, Tarxien*** *permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar George Cassar xi tnejn u tletin sena ilu u l-post kien lanqas ghadu nbena. Hi u zewgha l-attur marru joqoghodu fil-fond f'Ottubru 1979.*

*Kienu xtraw minghand Lucian Bezzina, li kien ukoll il-kuntrattur u kienu ftehmu li jibni l-post taghhom ezatt bhal ta' Pollacco, li kienu ser joqghodu taht, bid-differenza li kien ser ikollhom bejt.*

*Tghid li kienu hallsu lil Bezzina kollox meta tlesta l-bini u fl-istess kuntratt kien hemm miktub li "****x-xerrej la jhallas u lanqas jithallas tal-appoggi."*** *Ghalhekk, l-attrici tghid ukoll li hallsu lil Bezzina tal-hajt li kien bnielhom u li mieghu kien appogga issa l-konvenut.*

*Meta tlestiet id-dar taghhom, l-attrici tghid li jappoggja mal-hajt taghhom kien hemm kamra u mbaghad kienu bnew parti ghalihom u hallsu ghaliha.*

*Meta kienu xtraw din il-proprjeta', l-unika proprjeta' ohra kienet dik ta' Gaetano Piccinino u d-dar tieghu, kienet sussegwentement waqqghet u mbaghad inbnew flats, maisonettes u garaxxijiet, li jinsabu hemm illum u dawn kollha jappartjenu lill-konvenut.*

*Meta l-konvenut bena, u kien beda jibni minn Dicembru 2007, kien appoggja l-bini tieghu mal-hajt tad-dar tal-atturi.*

*Meta kien beda jibni, l-atturi kellmu lill-konvenut sabiex itella' qoxra mal-hajt taghhom, izda l-konvenut ma riedx u ghalhekk talbuh ihallas ghal dik il-parti tal-appogg li kien ser jappoggja maghhom, izda baqa' jirrifjuta li l-hajt li kien bena Bezzina u hallsuh tieghu, kien tal-konvenut.*

*Kien ghalhekk li kienu nkarigaw avukat u perit sabiex jaghmel stima ta' kemm kienu intitolati l-atturi talli l-konvenuti kienu ser jappoggjaw mal-hajt proprjeta' taghhom. Il-Perit kien wasal ghal stima ta' sitt mija u tnax-il ewro u disa' u tletin centezmu (€ 612.39). Meta baghat ittra bl-avukat taghhom, il-konvenuti baqghu ma irrispondewx u ghalhekk kellha tinfetah dina l-kawza. L-appogg li kien qed jintalab kien taz-zewg gnubijiet, il-gnubijiet tal-hajt tal-atturi, hlief ghal din il-parti fejn kienet tappoggja mal-kamra tas-sodda tal-proprjeta' ta' Piccinino, u cioe' l-appogg li kienu xtraw minghand Lucian Bezzina.*

*L-attrici tinsisti wkoll li kienet marret tkellem li Bezzina, flimkien mar-ragel u mas-sinjuri Pollacco u dan kien ikkonferma li kienu hallsuh tal-appoggi u li kien ser jitkellem ma' Mercieca sabiex dan jaghmel qoxra, izda injora lil kulhadd.*

*Dwar il-preskrizzjoni minhabba li l-appogg kien ilu jigi pprattikat aktar minn hames snin, l-attrici tispjega li kien biss meta bena l-konvenut li kien hemm appogg mal-hajt taghhom, ghaliex qabel kien hemm kamra tas-sodda mal-*

*proprjeta' adjacenti u taghha ma kienu qed jitolbu xejn, ghaliex meta nbniet il-proprjeta' taghhom, giet tmiss ma' dina l-kamra tas-sodda, minkejja li ma kenitx livell mal-hitan taghhom, izda kienet tohrog ftit 'il barra.*

*L-attrici tghid ukoll li kienu qed jippretendu l-hlas tal-ispejjez legali, kif ukoll tal-Perit Etienne Magri, li kienu jammontaw ghal mitejn sitta u tletin ewro (€236) u disgha ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€9.28) spejjez tal-kopja legali tal-kuntratt ta' xiri.*

*L-attrici ssemmi wkoll, li kien hemm xi zmien meta Piccinino, s-sid ta' qabel il-konvenuti, kien ser jizra xi "creepers" u kienu talbuh sabiex ma jaghmilx dan, minhabba kwistjoni ta' umdita' u minflok kien zergha sardinell, li kienu ser jibdew jitilghu mal-appartament taghhom u kien ghalhekk li kienu talbu lil Gaetano Piccinino sabiex inehhihom u fil-fatt hekk kien ghamel.*

*Ra x-xhieda ta' Vincent Camilleri, li kkonferma x-xhieda ta' martu.*

*Ra x-xhieda tal-Perit Etienne Magri li kkonferma li kien gie nkarigat mill-attur sabiex jaghmel stima ta' kumpens dovut lilhom mill-konvenuti minhabba l-hajt tal-appogg komuni. Ikkonferma li l-ispejjez tieghu kienu jammontaw ghal mitejn ewro (€200) u sitta u tletin ewro (€36) bhala **VAT**.*

*Jikkonferma li kien gie nkarigat ukoll mill-atturi u mill-konjugi Pollacco sabiex jaghmel stima tal-appoggi. Ighid li l-konvenuti ma kienux gew avzati u kien mexa' fuq ir-ritratti u nformazzjoni li kienu tawh Pollacco u Camilleri. Ma kienx inkluda fil-kalkolazzjonijiet tal-appogg, il-parti li kienet diga` mibnija qabel u ghal dan ma kienx hemm appogg dovut. Jikkonferma li kif kien il-bini qabel kien hemm hajt li kien aktar baxx mal-hajt tal-atturi.*

*Ra x-xhieda ta' Therese Pollacco, li kienet proprjetarja tal-**Fond 22, Redentur, Triq 29 ta' Mejju 1592**, flimkien ma' zewgha u kienu xtraw il-proprjeta' minghand Lucian Bezzina, bhala gebel u saqaf fl-1978 u jmiss maghhom kien hemm il-hajt ta' 'drive in' li kien jappartjeni lil Piccinino*

*u kien hemm zewg filati anqas, kien hemm imbaghad 'garaxx' u anke bitha. Tikkonferma li kienet marret mal-attrici ghand Bezzina u li dan kien ikkonferma li kienu hallsuh tal-appogg u li kien ahjar jekk ikellem lil Mercieca sabiex itella' qoxra. Tikkonferma li fuq il-kwistjoni tal-"creepers", kien ilu xi 21 sena li Piccinino kien nehhihom.*

*Ra x-xhieda ta' Lucian Bezzina, li jghid li kien biegh proprjeta' kemm lill-atturi, kif ukoll lil Therese Pollacco u r-ragel taghha. Jikkonferma li kienu marru jkellmuh fuq xi appoggi u kien qallhom biex jaraw il-kuntratt ghaliex ma kienx jaf jaqra. Ighid ukoll illi ma kienx minnu, li meta hallsu, hallsu ukoll tal-appoggi.*

*Ra x-xhieda ta' Joseph Mercieca, li jispjega illi fis-7 ta' Awwissu 2006 kien xtara id-dar, flimkien ma' martu bl-indirizz, **18 u 20, Triq id-29 ta' Mejju, 1592 f'Hal Tarxien**. Ighid li d-dar kienet mibnija fuq zewg sulari u kien hemm in-naha tal-appogg tax-xellug li kien imiss mal-proprjeta' ta' Pollacco u Camilleri.*

*Meta waqqa' l-proprjeta' u kien ser jibda' jibni, kienu avvicinawh kemm Mrs. Camilleri, kif ukoll Mrs. Pollacco, li kienu talbuh ihallshom tal-appoggi. Kien ghalhekk li talabhom kopja tal-kuntratt ta' akkwist taghhom u fl-interpretazzjoni tieghu, ix-xerrej la jhallas u lanqas jithallas tal-appoggi.*

*Kien tkellem ma' Vincent Camilleri, li baqa' jinsisti li kellhom jithallsu tal-appoggi, izda l-konvenut baqa' jargumenta li semmai kellu jhallas lil Lucian Bezzina, il-venditur tal-proprjeta' u dan peress li l-appoggi kienu nbnew qabel id-data tal-akkwist tal-atturi.*

*Il-konvenut jinsisti li kien hemm hafna skorretezzi meta l-atturi rriferew ghal liema parti tal-proprjeta' kienet tmiss ma' tal-atturi.*

*Sular t'isfel (ground floor) – l-appoggi kollha nbnew meta nbniet il-proprjeta' li xtara l-konvenut u nbniet qabel il-proprjeta' tal-atturi.*

*Qabel kien hemm ukoll 'drive in' u l-hajt tal-appogg taghha kien mibni sular sabiex iservi bhala lqugh mill-art fejn wara nbniet il-proprjeta' tal-atturi.*

*Il-parti ta' wara 'd-drive in' kien hemm garaxx u dan kien mibni wkoll qabel ma' nbniet il-proprjeta' tal-atturi.*

*Ghal bqija tal-proprjeta' tieghu, il-hajt ta' l-apogg kien mibni f'gholi ta' sular sabiex iservi bhala lqugh minn mal-art u wara inbniet il-proprjeta' tal-atturi.*

*Fit-tieni sular kien hemm biss kamra ta' terrazzin u kien mibni fuq is-sular t'isfel.*

*Per konsegwenza, Mercieca qieghed jikkontesta l-istima maghmula mill-Perit Magri u dan aktar u aktar meta ma kienx gie avzat sabiex ikun prezenti ghal kejl.*

*Il-konvenut jinsisti li t-talba ghal hlas ta' appogg kienet preskritta ghaliex mal-istess hitan li hemm kwistjoni fuq il-hlas kien hemm ghal hafna snin u hafna iktar minn hames snin, ixebbilku 'creepers' f'gholi ta' izjed minn sular.*

*Dan kollu seta' jikkonfermah ghaliex kien joqghod quddiem dina l-proprjeta'.*

*Jikkontesta wkoll li l-atturi ma kellhomx dritt li ma jhalluhx jaghmel uzu mill-istess appoggi ghax nofs il-hitan huwa mibni fuq l-istess proprjeta' taghhom.*

*Ra x-xhieda ta' Joseph Piccinino, li kien joqghod fil-**Fond Jospic, Triq id-29 ta' Mejju, 1592**, u dam ighix hemm ghal tlettax-il sena, pero' kienu ilu ma joqghod hemm ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.*

*Ighid li fil-proprjeta' originarjament kien hemm cint u kien jifforma parti minn terrazzin u kien hemm il-balavostri. Min-naha tal-bini ta' gewwa kien hemm xi disa' filati.*

*Jikkonferma li kien hemm xi "creepers" u dawn kienu jitilghu sal-ewwel sular fuq in-naha tal-faccata u fuq in-*

*naha ta' gewwa kienu mal-hajt li jmiss mal-garaxx u tilghin sa fuq il-bejt.*

*Meta telaq minn dan il-fond, sebgha u ghoxrin sena ilu, ma setax jikkonferma li kien hemm dawn il-'creepers' u ma setax jiftakar jekk missieru kienx nehhihom fuq talba tal-atturi.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*L-ewwel eccezjoni – nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi:*

*1. L-atturi kienu xtraw minghand Lucian Bezzina, proprjeta' li kien ghad trid tinbena. Mill-provi jirrizulta li meta akkwistaw dina l-proprjeta' kien hemm proprjeta' adjacenti, li eventwalment giet akkwistata mill-konvenuti, li waqqghu l-bini ezistenti u regghu bnew mill-gid.*

*2. Huwa f'dan il-kuntest li l-atturi qed jinsistu li huma ntitolati ghad-dritt tal-appogg u dan peress li meta akkwistaw il-proprjeta' minghand Bezzina, saru l-proprjetarji tal-hajt u ghaldaqstant, malli l-konvenut appoggja maghhom, kellhom kull dritt jitolbu ghall-kumpens tal-appogg, ghajr ghal dik il-parti li giet mmarkata bl-ittra "**X**" fir-ritratt Dokument **DC2**, peress li dina l-parti kienet diga' mibnija qabel ma nbniet il-proprjeta' tal-atturi, u ghalhekk ir-rizerva ta' dritt tal-appogg ghandha tmur favur il-venditur f'dan il-kaz.*

*3. L-atturi jissottomettu illi "**ghal kumplament tal-hajt li fiz-zmien meta l-esponenti (i.e l-atturi) akkwistaw il-proprjeta' taghhom, kienet ghadha mhux appoggjata minn ebda kostruzzjoni, l-esponenti (l-atturi), (li permezz tal-akkwist saru l-proprjetarji tal-hajt in kwistjoni) kellhom kull dritt li jitolbu kumpens f'kaz li dak il-hajt jintuza' ghall-appogg gialdarba l-hajt li bnew huma saru proprjeta' taghhom.**"*

*4. Il-problema ta' interpretazzjoni tohrog mill-kuntratt ta' akkwist datat u dan peress li gie miftiehem li x-xerrej la*

*jhallas u lanqas jithallas tal-appoggi. L-atturi jinsistu li l-venditur kien qed izomm id-dritt tieghu li jitlob appogg biss ghal dik il-parti fiz-zmien meta l-proprjeta' antika adjacenti ma' dik taghhom kienet gia' mibnija u kien hemm parti zghira li kienet tappoggja mal-proprjeta' taghhom. Din kienet rizervata ghal venditur biss.*

*5. L-atturi jinsistu li gia la darba hallsu ghal post lil Bezzina, kienu akkwistaw id-dritt tal-appogg u kellhom kull dritt jiggieldu ghaliha, aktar u aktar meta Bezzina qatt ma talab hlas minghand il-konvenuti u dan kien jigri jekk kien intitolat ghalih.*

*6. Il-konvenuti ssostnu li l-atturi mhumiex konsistenti fix-xhieda taghhom u filwaqt li Pollacco tghid li kien hemm appoggi mibnija recentement, Dolores Camilleri tinsisti li l-appoggi ta' Pollacco kienu mibnija kollha.*

*7. Il-konvenuti jinsistu li meta l-atturi akkwistaw il-fond, dan ghamluh bl-accettazzjoni espressa li kwalsiasi dritt ta' kumpens ghall-appogg ma kienx qed jigi trasferit lilhom u allura baqa' ghand Lucian Bezzina sa fejn legalment dovut.*

*8. It-Tribunal jissottolinea li jekk l-atturi kienu konvinti li kienu hallsu lil Bezzina ghall-akkwist ta' dawn l-appoggi, ma ngabu ebda provi f'dan is-sens. Gew ipprezentati diversi ritratti sabiex jindikaw kif kienet il-proprjeta' originarjament u kif kien hemm partijiet mill-proprjeta' li kienet tappoggja mal-proprjeta' taghhom u kif imbaghad sussegwentement bena l-konvenut.*

*9. Madanakollu, l-atturi ma pproducewx l-aktar prova sostenibbli :*

***"Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi d-dritt tal-appogg hu dritt reali immobiljari. Jigifieri huwa "jus in re", konsistenti f'poter dirett u immedjat fuq il-haga stess, u ghalhekk huwa dritt assolut u impersonali; u jezisti fil-konfront ta' kulhadd; u l-azzjoni relattiva hija ezercibbli kontra kull possessor tal-haga suggetta ghal dak id-dritt.***

***U billi dak id-dritt huwa ukoll immobiljari, kwalunkwe konvenzjoni li biha dak id-dritt jigi trasferit lil haddiehor mhix valida jekk ma tkunx tirrizulta minn att pubbliku, mhux biss fil-konfront tat-terzi, imma anki bejn l-istess partijiet. Konsegwentement, mhix attendibbli l-pretenzjoni ta' min jallega li mhux obbligat ihallas l-appogg ghax kellu permess verbali li jpoggi l-bini tieghu gratuwitament.***

***Lanqas jista' permess verbali simili jitqies bhala rinunzja; ghax jibqa' dejjem li dik ir-rinunzja hija relattiva ghal dritt inerenti ghal haga immobiljari; u billi l-formalita' tal-att pubbliku hija rikjesta "adsubstantiam," minghajr dik il-formalita' kwalunkwe konvenzjoni tkun inezistenti u ghalhekk mhux sanabbli hlief permezz ta' att pubbliku." – Giaele Farrugia et. vs John Aquilina et. (PA 26.05.1955).***

*10. L-atturi kkonkludew li gie lilhom trasferit id-dritt tal-appogg permezz tal-kuntratt ta' akkwist, izda ghal kuntrarju, l-kuntratt ta' akkwist jirrizerva d-dritt lill-venditur. Huwa minnu li l-atturi ssottomettew in linea ta' difiza li huma saru s-sidien tal-hajt u ghalhekk fejn qabel ma kienx hemm appoggjar, fejn issa kien hemm, kellhom dritt ta' kumpens minghand il-konvenut. Pero' fl-ebda stadju ma pproducew xi att pubbliku li fih l-venditur Lucian Bezzina anke accetta li kien qed jittrasferixxi dan id-dritt tal-appogg.*
*Ftehim verbali ma huwiex bizzejjed, izda Bezzina stess, fix-xhieda tieghu jikkonferma li qatt ma kienu hallsu tal-appogg.*

*Ghalhekk, it-Tribunal, ghar-ragunijiet sottomessi, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u per konsegwenza, mhux ser jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra u tal-meritu.*

*Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jakkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti jichad it-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez ghall-atturi.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Vincent u Dolores konjugi Camilleri datat 17 ta' Novembru 2010 a fol 1 tal-process fejn talbu lill-Qorti sabiex fil-waqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti sabiex b'hekk, il-konvenuti appellati jigu kkudannati jhallsu l-ammont ta' €612.39 rapprezentanti kumpens ghall-appogg tal-hajt in komun li jissepara r-residenza taghhom ma' dik tar-rikorrenti u dan skont rapport redatt mill-Perit AIC Etienne Magri fis-27 ta' Frar 2008 (Dok "A") bl-ispejjez kontra l-intimati nkluzi l-ispejjez ta' tali rapportu dan ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat li l-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar gew imdahhla fl-atti ta' dan l-appell fis-17 ta' Dicembru 2010 (fol 8).

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell datata 7 ta' Dicembru 2010 a fol. 12 tal-process fejn l-appellati talbu li l-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza li minnha qieghed isir dan l-appell u dan kemm ghaliex dan l-appell huwa null ghaliex la darba s-sorte hija biss ta' 612.39 Euro mela allura ma jistax issir appell abbazi tal-**artikolu 8 (2) tal-Kap. 380;** u ghaliex is-sentenza hija gusta fil-mertu.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Dominic Cassar ghall-appellat u Dr. Jonathan Spiteri ghall-appellanti u l-partijiet li taw ruhhom b'notifikati bl-appuntament tal-kawza. Id-difensuri trattaw il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghall-5 ta' Mejju 2011.

Rat l-atti kollha tal-kawza deciza mit-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar datata 8 ta' Novembru 2010 (Talba Numru 538/08/GMA) fl-ismijiet premessi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan l-appelll sar mill-atturi appellanti skond huma a bazi tal-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap. 380** u l-aggravju huma (a) li ma kienx irrizulta li l-venditur tal-proprjeta' lill-atturi kien irriserva favurih id-dritt li jithallas ghal kwalsiasi appogg; (b) is-sidien tal-hajt huma l-atturi u dan abbazi tas-sentenza **"Leonard Gallo vs Maja Brown"** (P.A. – 18 ta' Novembru 2004) u ghalhekk huma ghandhom id-dritt jithallsu tal-appogg li jkun sehh u allura s-sentenza citata fl-istess decizjoni tat-Tribunal **"Gaiele Farrugia et vs John Aquilina"** – P.A. 26 ta' Mejju 1955) ma kienitx applikabbli ghall-kaz in ezami u ghalhekk jirrizulta li l-atturi kellhom interess guridiku li jressqu din il-kawza.

Illi l-appellati ssottomettew li (1) dan l-appell huwa null ghaliex la darba s-sorte hija biss ta' €612.39 mela allura ma jistax issir appell abbazi tal-**artikolu 8 (2) tal-Kap. 380;** u ghaliex is-sentenza hija gusta fil-mertu ghaliex kif inghad fis-sentenza mertu ta' dan l-appell l-venditur Luciano Bezzina kien irriserva ghalih id-dritt li jithallas tal-eventwali appoggi u dan permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Marzu 1979 fl-atti tan-Nutar George Cassar; (3) ma ingabhet l-ebda prova li l-atturi akkwistaw id-dritt ta' appogg; (4) il-fatt li l-venditur Bezzina ma talabx hlas ta' dritt ta' appogg ma jfissirx li ma ghandhux dritt ta' appogg; (5) id-dritt ta' appogg huwa preskritt bil-perjodu ta' hames (5) snin u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

Illi jirrizulta li t-talba attrici kienet ghall-ammont ta' €612.39 rappresentanti dritt ta' appogg allegatament dovut lilhom mill-konvenuti. Ma hemmx dubju li skond il-gurisprudenza nostrali tali talba ghall hlas ta' dritt ta' appogg a differenza tad-dritt ta' appogg innifsu, hija azzjoni personali u mhux rejali u kien ghalhekk li tali talba setghet issir lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar skond il-**Kap. 380** ghaliex ma taqax taht l-**artikolu 3 (4) tal-istess Kap. 380** li jipprovdi li kwistjonijiet dwar proprjeta' ta' beni immobbli u jeddijiet ohra mghaqqdin maghhom ma jaqawx fil-kompetenza tal-

istess Tribunal. Di fatti lanqas inghatat eccezzjoni f'dan is-sens.

Illi izda l-istess **Kap 380** jipprovdi fl-**artikolu 8 (2) u (3)** li meta l-ammont tas-sorte ma jkunx jaqbez s-somma ta' €1,164.69 jista' jsir appell biss kif provdut fl-**artikolu 8 (2)** biss, u f'dan il-kaz l-artikolu **8 (2) (d)** huwa dak li l-appellanti jippretendu li japplika ghall-kaz in ezami u cjoe' *"meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella".*

Illi mill-kontenut tal-istess rikors tal-appell ma jirrizultax li dan huwa l-kaz u l-appell huwa bbazat mhux fuq kif mexa t-Tribunal bil-mod kif mexxa s-smigh tal-kawza, izda fuq l-interpretazzjoni tal-ligi u se mai tal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta' tal-atturi u n-natura ta' dritt ta' appogg. Minn dan allura jirrizulta li l-appell tal-appellanti mhux proponibbli taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 8 (2) (d) u (3) tal-Kap. 380** u ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel sottomissjoni mressqa mill-appellati ghal dan l-appell qed tichad l-appell bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ghall-grazzja tal-argument jinghad pero' li l-appell tal-appellanti huwa nfondat fil-mertu ghaliex fil-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta' tal-atturi, tali kuntratt datat 29 ta' Marzu 1979, l-venditur Luciano Bezzina kien irriserva favur tieghu id-dritt ta' hlas ta' appogg u dan meta fl-istess kuntratt hemm provdut li *"ix-xerrej la jhallas u lanqas jithallas"* u allura kull dritt li jithallas tal-appogg huwa spettanti lilu u mhux lill-atturi u dan kif jirrizulta minn dak li nghad fis-sentenza **"Aluminium Ltd vs Earli Ltd"** (P.A. (RCP) – 6 ta' Ottubru 1999).

Illi l-kawza **Leonard Gallo et vs Maja Brown et"** (P.A. (JRM) – 18 ta' Novembru 2004) titratta dwar id-dritt ta' appogg li bla dubju huwa dritt rejali u l-istess hija l-kawza **"Emanuel Vella vs John Galea et"** (P.A. (TM) – 8 ta' Ottubru 2003), izda hawn mhux qed jigi trattat tali dritt, izda biss id-dritt ta' persuna li tithallas ta' appogg, u din il-persuna tista' tkun differenti min dik li ghandha l-proprjeta'

tal-appogg, kif huwa f'dan il-kaz, ghaliex il-vendituri tal-proprjeta' attrici rriservaw favur taghhom id-dritt li jithallsu l-kumpens ghall-appogg, bil-kliem *"ix-xerrej la jhallas u l-anqas jithallas tal-appoggi"* u allura kull kumpens konsegwenti ghall-appogg mal-istess hajt jappartjeni mhux lill-atturi izda lill-venditur tal-istess proprjeta' jew l-avendi causa tieghu u ghalhekk l-aggravji kollha tal-atturi appellanti ma ghandhom ebda fondament legali jew fattwali u kieku l-appell kien proponibbli, huwa kompletament bla bazi u lanqas fil-mertu ma jistax jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel sottomissjoni fir-risposta tal-appellati datata 7 ta' Dicembru 2010, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors taghhom datat 17 ta' Novembru 2010** stante li tali appell huwa null u bla effett ai termini tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 8 (2) u (3) tal-Kap. 380** ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Vincent u Dolores *sive* Doris Camilleri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------